MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 1473/2002

**Anthony D'Anastasi.**

**-vs-**

**Korporazzjoni Enemalta.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-30 ta' Dicembru, 2002 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi fl-4 ta' Jannar 2001 l-attur kien qed jahdem b'inkarigu tal-korporazzjoni konvenuta bhala 'fitter' fil-'workshop' tal-istess korporazzjoni.

U illi waqt li l-attur kien qieghed hekk jahdem hu wegga'

serjament f'idu l-leminija meta din inqabdet minn "circular saw/angle cutter" li ma kellhiex guard, u dana kif jirrizulta ahjar mir-rapport mediku hawn anness u markat Dok "AD1".

U illi l-attur sofra danni ingenti b'rizultat ta' dan il-korriment li gara minhabba t-tort u jew negligenza u jew nuqqas ta' osservanza tal-prekawzjonijiet mehtiega da parti tal-korporazzjoni konvenuta li ma pprovdietx "a safe system of work", u dana kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

U illi l-korporazzjoni konvenuta giet interpellata biex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha li sofra l-attur izda baqghet inadempjenti.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

(1) Tiddikjara illi l-korporazzjoni konvenuta hi responsabbli ghall-incident li fih safa' korrut l-attur fl-4 ta' Jannar 2001.

(2) Tillikwida d-danni sofferti mill-attur minhabba dan il-korriment u dana okkorrendo l-opra ta' periti nominandi.

(3) Tikkundanna lill-korporazzjoni konvenuta thallas lill-attur id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja tal-24 ta' April 2002 u tal-ittra ufficcjali tal-4 ta' Gunju 2002 kontra l-korporazzjoni konvenuta li hi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fit-8 ta' Awissu, 2003 li permezz taghha l-korporazzjoni konvenuta eccepixxiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll

fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-Korporazzjoni Konvenuta mhijiex responsabbli ghall-incident riferit li sehh unikament minhabba t-traskuragni, non kuranza u nuqqas ta’ attenzjoni u prudenza ta’ l-attur fl-adempiment ta’ xoghlu;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-korporazzjoni konvenuta mahlufa minn Dr. Damien Degiorgio u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Marzu li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet.

Ikkunsidrat.

Illi l-attur qed jitlob danni li sofra wara ncident li sehh fuq il-post tax-xoghol tieghu mall-*korporazzjoni* konvenuta.

L-incident gara meta l-attur kien qed jahdem fil-*work shop* bhala *fitter* u kien qed juza *circular saw*. Skond l-attur l-incident gara ghaliex din l-ghodda li kien qed juza ma kellhiex l-hekk imsejjah *guard* u ghalhekk inqabad mill-magna u wegga.

Il-korporazzjoni m’hijiex qed tikkontesta kif gara l-incident izda qed tghid li hija dejjem forniet lill-impjegati taghha bl-apparat necessarju biex jigu evitati l-incidenti u li l-ghodda in kwistjoni kienet imwarrba u ma kellhiex tintuza – ghalhekk qed targumenta li l-attur ma kienx messu ghamel uzu minnha u bhala mpjegat espert kien messu ma uzahiex u jekk ma kellhx ghodda ohra kien messu rraporta din il-mankanza u kienu jittiehdu r-rimedji necessarji.

Il-Qorti hija konvinta li l-attur seta' ilmenta mill-ghodda qabel

ma gara l-incident. Sfortunatament incidenti bhal dawn jigru u kulhadd ikun kif jghid il-Malti, gharef wara li jinqala' xi haga.

Il-Qorti tasal ukoll biex taccetta li l-ghodda setghet kienet imwarrba – izda l-mistoqsija tqum – ghaliex korporazzjoni kbira u ewlenija bhal dik konvenuta ma ddisponitx minn ghodda li ma kelliex l-hekk imsejjha *safety features* u ghaliex ma kien hemm hadd b'awtorita' fuq l-attur biex jara li ghodda simili ma tintuzax. Illum it-tendenza ricenti tal-Qrati taghna, issa msahha ukoll minn legislazzjoni iktar moderna u konsonanti maz-zmienijiet hija li hemm kwazi presunzjoni illi ncident industrijali jigri ghax ma kienx hemm *a safe system of work.* F'dan il-kaz ghalkemm wiehed ma jistax jghid li l-korporazzjoni ma ghandhiex dan, il-mod kif gara l-incident jindika li kien hemm nuqqas *da parti* taghha ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Huwa facli ghal dak li jipprovdi x-xoghol illi jwahhal fl-impjegat ghax uza ghodda mhux koperti minn apparat ta' sigura izda fuq kollox l-impjegat ikun qed jahdem ghall-ahjar ta' min jaghtih ix-xoghol u minflok ma jgerger u jilmenta mill-ghodda jkun medd idejh ghax-xoghol. Ma hux sew fil-fehma tal-Qorti li wiehed jattribwixxi xi tort lill-attur u nghidulu li kien ahjar li *hasel idejh.*

Kif irriteniet din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Schembri vs Caruana nomine deciza fit-12 ta' Jannar,1983, *employer illi jkun jaf li fil-makkinarju tieghu hemm perikolu u ma jiehu ebda passi biex jirrimedja ghal dan jesponi ruhu ghall-konsegwenzi legali li johorgu minn dan... L-employer (ghandu jahseb) illi jippjana sew ix-xoghol u jikkunsidra l-fatt li l-istess haddiema gieli jittraskuraw ir-riskji nvoluti fix-xoghol taghhom ta' kull jum.*

Fil-fehma tal-Qorti l-korporazzjoni konvenuta kien messha rat li l-ghodda in kwistjoni tigi skartata ghal kollox u li ebda

haddiem ma juzaha. Il-fatt li hallietha fuq il-premises taghha jesponiha ghall-konsegwenzi legali ta' dak li gara.

Stabbilita r-responsabilita' il-Qorti ser tghaddi biex tillikwida d-danni. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* ser tadotta l-principju stabbilit fil-kawza Butler vs Heard u f'diversi sentenzi li segwewha. Gie stabbilit mill-espert mediku nkarigat mill-Qorti li l-attur sofra disabilita' ta' hamsa fil-mija (5%) minhabba l-incident fl-2001; dak in nhar kellu hamsin (50) sena u kien qala' sitt elef, tmien mija u sitt Liri Maltin (Lm6,806) mill-impjieg u elf u erba' mija (Lm1,400) minn xoghol *part time.* Il-Qorti ghalhekk ser tilliwikida d-danni a bazi ta' qliegh ta' tmint elef Liri Maltin (Lm8,000) fuq ghaxar snin – u dan billi wiehed qatt ma jista' jkun cert li ser jibqa' jahdem sa wiehed u sittin (61) jew addirittura hamsa u sittin (65) kif qed jitlob l-attur fin-nota tieghu. Anke fil-qliegh mix-xoghol *part-time*, wiehed jippresumi li bniedem jibda jnaqqas u mhux izid fl-attivita' tieghu f'dan l-aspett iktar ma jikber. Fir-rigward ta' l-impjieg il-Qorti qeghda zzomm ma' l-ammont ta' sitt elef u tmien mija Liri Maltin (Lm6,800) minghajr ma tnaqqas taxxa u kontribuzzjonijiet ghax wiehed hawn jippresumi zidiet fil-pagi fil-futur u zzid elf u mitejn Liri Maltin (Lm1,200) ghal xoghol *part-time*. Dan ghalhekk iwassal ghas-somma ta' erbat elef Liri Maltin (Lm4,000). Il-Qorti, billi ghaddew tlett snin minn meta bdiet il-kawza ser tnaqqas ghaxra fil-mija minflok ghoxrin bhal ma jsir normalment minhabba l-hekk imsejjha *lump sum payment* u ghalhekk l-ammont jigi tlett elef u sitt mija Liri Maltin (Lm3,600). Ma' dan wiehed izid mija u hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm125) spejjes medici – ma' dan ma jistax jizdied id-dritt ta' l-espert mediku kif ried l-attur ukoll fin-nota tieghu ghaliex dawn huma spejjes gudizzjarji li jkunu decizi fil-kawza. B'kollox ghalhekk tlett elf seba' mija u hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm3,725).

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-korporazzjoni konvenuta u tilqa’ t-talbiet kollha attrici u**

**tikkundanna lill-istess korporazzjoni thallas lill-attur is-somma ta’ tlett elf, seba’ mija u hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm3,725). L-ispejjes tal-kawza jithallsu mill-korporazzjoni konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------